**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 28**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021, permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Martina Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Martina Grech

**1 Approvazzjoni u Kunsiderazzjoni tal-Minuti**

**1.1** **Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 26, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 26 ġew approvati b'mod unanimu.

**1.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppreżent l-Minuti ta' Seduta 27 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 27 ġew approvati b'mod unanimu.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**2.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li x-xogħlijiet fuq il-bini tal-ġnien ġdid fi Triq id-Deheb Fin għaddej skont il-programm tax-xogħlijiet. Is-Sindku nfurma li se tkun qed issir żjara mill-Onor. Ministru għall-Ambjent Aaron Farrugia nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju fis-2.00p.m.

**2.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill Lokali Ħal Luqa sabiex flimkien jorganizzaw konferenza stampa konġunta fejn se tkun qed issir Oġġezzjoni pubblika għall-iżvilupp propost f'Wied il-Kbir. Is-Sindku spjega li minkejja l-fatt li dan l-iżvilupp jaqa' fil-konfini ta' Ħal Luqa, se jkun qed jimpatta l-ambjent naturali ta' Wied il-Kbir, li huwa l-uniku pulmun tal-lokalita' kif ukoll se joħloq diffikultajiet kbar lill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan, għaliex f'każ li dan l-iżvilupp jiġi approvat, l-għaqda se tispiċċa mingħajr post minn fejn taħraq il-nar. Is-Sindku nfurma li din il-konferenza stampa se tinżamm nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju fil-11.00a.m. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li dan il-proġett ilu jitressaq għall-approvazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**2.3** Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed jiġi propost li tiġi żviluppata art agrikola fi Triq id-Deheb Fin ma Triq ix-Xitwa, fejn f'każ li din l-art tinbena jista' jagħti l-każ li jew jinbnew blokki ta' appartamenti jew agħar minn hekk imħażen kummerċjali u ndustrjali, għall-fatt li fil-

qrib hemm fabbrika oħra. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-kunsillier Jerome Caruana Cilia talab li l-Kunsill iressaq Representation Letter kontra dan l-iżvilupp. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li r-residenti qed jiġbru petition sabiex tiġi preżentata lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk il-Kunsill ħax parir mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex jigwida għall-aħjar ħaġa li tista' ssir f'dan l-istadju.

**2.4** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li għadu kif tlesta xogħol ta' tisbiħ fiz-zona ta' Fuq Tal-Blat.

**2.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li x-xogħol ta' resurfacing ta' Triq il-Wied tlesta. Is-Sindku nfurma lill-membri li kien hemm bosta lmenti fejn ir-residenti bdew jgħidu li l-ilma ġie jaqleb lejn id-dar. Infurma li filwaqt li l-Kunsill għamel biss xogħol ta' extensive patching, sabiex inkunu ċerti li ma nbidlux il-livelli, inġib bowser tal-ilma fejn wera li l-ilma kien qed jaqleb sewwa, ħlief għal parti ta' fuq, fejn minħabba l-fatt li l-ilma m'għandux fejn imur, kien qed jinġema' kollu fuq in-naħa tar-residenzi. Għaldaqstant il-Kuntrattur ġie mqabbad jagħmel toqob fil-bankina sabiex l-ilma jinġabar fil-wied. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni li r-road humps ma sarux. Is-Sindku nfurma li tkellem mal-Kuntrattur responsabbli u assigurah li dawn se jsiru.

**2.6** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li t-tender għax-xogħlijiet f'Misraħ iż-Żebbuġ qiegħed fi stadju ta' evalwazzjoni u jistenni jitressaq ir-rapport fis-Seduta li jmiss. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa dwar il-parking spaces madwar il-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-parking spaces se jkunu qed isiru fish-bone sabiex jiddaħħlu aktar parkeġġi.

**2.7** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed isir tindif bi street sweeper f'bosta toroq ċentrali tal-lokalita'.

**2.8** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill ġie avviċinat minn Clean Malta sabiex jiġu identifikati erba' (4) zoni sabiex isir tindif estensiv. Il-Kunsill approva dawn iz-zoni:

Triq il-Wied, ħdejn Pawlu ta' Travi
Triq il-Belt Valletta, Topper area
Triq Tal-Ħandaq
Triq l-Iljun
Triq ix-Xitwa, ħdejn il-barriera

**2.9** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-anti skid solution li saret fi Triq San Bastjan inqala' u l-Kunsill talab rapport mingħand il-kuntrattur sabiex jinvestiga għaliex dan il-materjal inqala' wara biss ftit ġranet. Is-Sindku nfurma li mhux se jkun qed isir ħlas għal dan ix-xogħol.

**2.10** Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tinħareġ tender għal xiri ta' vann sabiex jibda' jingħata servizz lill-anzjani fil-lokalita'.

**2.11** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li wasal iż-żmien li jinħareġ il-magazine, Id-Dielja. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li l-magazine jinħareġ f'format A3 u jiġu printed biss madwar 1000 kopja u dawk ir-residenti nteressati jieħdu kopja mill-Customer Care area. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab lill-membri jippreparaw il-messaġġ tagħhom.

## 3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ippropona li jiġi nstallat dawl adegwat man-Niċċa ta' Kristu Rxoxt fi Triq Pawlu Farrugia.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li qed ikolli ħafna lmenti u rapporti mingħand ir-residenti dwar serq mill-vetturi u d-djar. Xi pjan hemm minn naħa tal-awtoritajiet (bħal Pulizija) biex isiru aktar rondi u sorveljanza fil-Belt Pinto?

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Community Policing se jkun qed jiddaħħal b'mod gradwali f'kull lokalita'.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa fhiex wasal il-proċess ta' culverts ġodda f'Ħal Qormi? Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-talba għall-installar ta' rain water culverts ġodda kienet ġiet mgħoddija għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa dwar l-iżvilupp imsemmi fiż-żona tal-bypass tal-Imrieħel f'Ħal Qormi, x'kienet ir-risposta tal-Ministeru / Infrastructure Malta għal proposta tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi? Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kien hemm l-ebda żviluppi.

## 4 Quarterly Financial Indicator 1/2021

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-Quarterly Financial Indicator 1/2021.

Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

## 5 Applikazzjonijiet Skemi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-iSkema tal-Playingfields.

## 6 Mozzjonijiet

### 6.1 Mozzjoni Nru 77 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-Kunsill jagħmel manutenzjoni tal-bankina fi Triq M.A. Vassalli Triq Tal-Bajjada (parti minn) Triq l-Aħwa Zammit Triq San Bartolomew (‘l parti tal-mużew tas-subien.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

### 6.2 Mozzjoni Nru 78 imressqa mill-Viċi Sindku Donnha Barbara

1) Ricentament qeghdin naraw l-introduzzjoni ta’ ‘Green Vertical walls’ f’numru ta’ lokalitajiet madwar il-pajjiz. Dawn il-vertical walls ghandom diversi beneficcji fosthom l-eliminazzjoni tal-inkwinanti tal-arja, zieda fil-produttivita, kreattivita u l-bijodiversita.

Ghaldaqstant qieghda nipproponi sabiex il-hajt tal-iskola primarja ta’ San Bastjan (ritratt anness) ikun konvertit f’hajt ta’ dan it-tip. B’hekk bhala Kunsill Lokali nassiguraw li dawk li jifrekwentaw iz-zona ikunu jistghu igawdu arja aktar nadifa filwaqt li dan ikompli jghin ghat-tisbih taz-zona.

2) Zona ohra li nemmen li fiha jistghu jigu ntrodotti l-Green vertical walls hija z-zona ta’ Triq il-Wied f’Hal Qormi. Din tghin ukoll sabiex tigi rigenerata din iz-zona b’iktar hdura filwaqt li tissalvgwardja s-sahha tal-bniedem.

3) Il-ħajt eżistenti fi Triq id-Deheb Fin. Dan il-proġett għandu jikkumplimenta l-proġett li qed isir bħalissa, tal-ġnien il-ġdid fl-istess zona.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ssekonda u ppropona li tiżdied Triq Tal-Bajjada.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

### 6.3 Mozzjoni Nru 79 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia

Bħala Kunsill Lokali Ħal Qormi jeħtieġ li nħarsu s-sigurtà tar-residenti. Bħala Kunsill Lokali nisħqu li rridu nibżgħu għall-ambjent naturali tagħna. L-ilmenti relatati ma' skart u ħmieġ mormi bl-addoċċ, partikolarment f'żoni rurali żdiedu.

Għaldaqstant, qed nitlob biex bħala Kunsill Lokali nitkellmu formalment mal-awtoritajiet konċernati u jinbeda l-process biex jiġu installati CCTV kameras ta' kwalità f'żoni strateġiċi speċifiċi bħal per eżempju:
- entraturi tal-widien
- il-*picnic area*, Ħal Qormi
- fejn ikun hemm ibins
- żoni oħra li huma suxxettibbli għall-abbuż.

Il-Gvern Ċentrali jeħtieġ jirrealizza li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx ir-riżorsi umani u finanzjarji biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż. Naturalment, kollox irid ikun konfirmi mal-liġi tad-*data protection*. Għaldaqstant, dan kollu jsir bil-għajnuna tal-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali u potenzjalment bil-għajnuna ta' fondi Ewropej bi qbil mar-Reġjun.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa min se jkun qed jieħu ħsieb il-monitoring. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-snin passati kien hemm problemi bejn xi Kunsilli Lokali u l-Pulizija minħabba d-dritt tal-ownership.

Fid-dawl ta' dan kollu, ġie propost li jintalab meeting mal-Assistent Kummissarju u mar-Reġjun Nofsinhar sabiex naraw hux possibli dan il-proġett isir minnhom.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**6.4 Mozzjoni Nru 80 imressqa mis-Sindku Dr. Josef Masini Vento u l-Kunsillier Dr. Sean Apap Meli bħala co-chairs tal-Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali**

Nipproponu li mis-sena skolastika li jmiss il-Kunsill joffri lezzjonijiet wara l-ħin, fissuġġetti imsemmija hawn taħt: Year 6: Malti Matematika Ingliz Form 5: Malti Matematika Ingliz kif ukoll li jingħataw lezzjonijiet tal-Arti lit-tfal Qriema u li xi tfal ikunu *sponsored* mill-Kunsill Lokali, wara li dawn jiġu identifikati li jkunu soċjalment żvantaġġjati.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**6.5 Mozzjoni Nru 81 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Nipproponi li l-Kunsill jiġbor stimi għal filming kif ġej: Hekk kif qed isiru tħejjijiet sabiex jerġa' jiġi organizzat il-Premju I.N.T. (Irrid Nikber fitTjubija), liema premju huwa mmirat għat-tfal, nipproponi li jsir filmat

qasir b'intervista tar-rebbieħa passati ta' dan il-premju. Kif ukoll isiru intervisti ma' anzjani Qriema bil-għan li jinġabru f'dokumentarju dwar Ħal Qormi u niesu.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 7 Skeda ta' Ħlasijiet

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 8 Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Ġunju 2021 fis-6.30p.m.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi awgura l-festa t-tajba lill-membri u lill-Qriema kollha, fl-okkażjoni ta’ Jum Ħal Qormi.

**Mistoqsijiet mill-Kunsillier Ralph Puli**

Il-Kunsillier Ralph Puli ppreżenta dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku;

1) *Vera li l- Ministeru ta l- Infrastruttura ikkonsulta mal-Kunsill rigward il- progett ta’ l- Imriehel*
2) *Jekk saret din il-konsultazzjoni, nistghu nkunu nafu x’gie diskuss u x’gie mistoqsi*
3) *Jista jkollna konferma mill- perit li hadmu l-pjanti lill-kunsill, jghidulna jekk l-ispiza ghal dan il-progett hiex iktar minn dik tal-flyover (on a high level basis)*

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill Lokali qatt ma ġie kkonsultat mill-Ministeru dwar dan il-proġett. L-uniku darba li saret konsultazzjoni hija dakinhar li nżammet il-laqgħa mal-Onor. Ian Borg u l-laqgħa maċ-Ċhairman ta’ Infrastruttura Malta. Is-Sindku nfurma wkoll li l-kumpanija li ġiet ikkummissjonata l-kontro-proposta ma kinitx ikkummissjonata biex tagħmel stima tal-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet għaddejja korrispondenza bejn il-Kunsill u Infrastruttura Malta fejn il-Kunsill ġie mitlub

“*Existing and forecasted traffic flows including trip generation estimations of the Central Business District for base year and for successive 5 years up to the year 2048 u Estimated cost for the implementation of the proposal which cost is required as one of the inputs for a cost-benefit analysis”.*

**Is-Segretarju Eżekuttiv** irrimarkat li dak mitlub mill-Awtorita', kien finanzjarjament impossibbli li jsir, għaliex il-Kunsill m'għandux il-fondi għal tali spejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Ministru kulma talab lill-Kunsill kien alternattiva għall-fly-over, ħaġa li l-Kunsill ippreżenta kif mitlub u tali studji għandhom isiru minn Infrastruttura Malta, għaliex hija l-awtorita' responsabbli.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ippropona li l-Kunsill jikkummissjona x-xogħol bl-ispejjeż jitħallsu minn Infrastructure Malta, għaliex,, fl-aħħar mill-aħħar is-saħħa u s-sigurta' tar-residenti m'għandhomx prezz.

**Proposta Riġenerazzjoni ta' Ġnien De La Cruz**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat *design* għar-rinnovar ta' Ġnien de la Cruz. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa meta se jkun qed isir dan il-proġett. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa hux possibbli li jsir underground parking taħt il-ġnien.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li normalment il-Kunsill japprova d-disinn propost mill-Perit u wara ssir l-istima tax-xogħlijiet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li dan huwa proġett kbir li se jkun hemm bżonn ammont sostanzjali ta' fondi għalih. Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li ssir laqgħa ma' Tumas Group sabiex il-Kunsill jiddiskuti *sponsorship* għal tali proġett.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'sar mill-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ li l-Kunsill ngħata l-fondi għalih. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għadha qed tistenna t-*technical specifications* mingħand il-Perit sabiex tinħareġ it-tender.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa dwar ir-restawr tal-Mitħna. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li qed isiru diskussjonijiet ma xi Ministeri sabiex naraw jistgħux jiffinanzjaw dan il-proġett.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** semma' li kien hemm il-kunċett li jsir public-private partnership u ppropona li jsir kuntatt mal-entitajiet li jaħdmu fiz-zona sabiex jisponsorjaw dan il-proġett. Barra minhekk għandu jara x'użu se jkun hemm għal din il-mitħna. Is-Sindku nfurma li l-għan ewlieni dejjem kien li l-Mitħna tiġi konvertita' f'Cultural Hub għall-artisti.

Ġie propost li jsiru laqgħat mal-Onor. Ministru Jose Herrera u l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr Stefan Zrinzo Azzopardi sabiex niddiskutu l-finanzjament ta’ dan ir-restawr.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ppropona li jsir sotto-kumitat ad hoc għall-proġett tal-Mitħna. Il-Kunsill approva.

**Mozzjoni Nru 76 imressqa mill-Kunsillier Ralph Puli**

Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri hajja ta’ serhan il-mohh u ta’ sigurta lir- residenti f’ Hal Qormi u lil familji taghhom:

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi

Jaghmel dak li hu necessarju biex is-sitwazzjoni ta’ periklu li tezisti fi Triq Dun Marju ghal numru ta’ residenti tigi ndirizzata anke permezz ta twessiegh ta’ bankini f’zoni fejn ma jistax isir ipparkjar ta’ vetturi. (Ritratt anness)

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

**Ivvutaw Favur ħdax-il Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Marzu 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Marzu 2021.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma lill-membri li se jiġu organizzati *Online Fitness Classes* mill-Malta Gaming Authority, fejn il-Kunsill se jkun qed jagħmel streaming fuq il-paġna ta’ facebook. Il-Kunsillier Ablett infurma li l-ispejjeż kollha nvoluti, se jkun qed jiġu mħallsa mill-Malta Gaming Authority.Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li l-awtorita’ se tkun qed tagħmel spot informattiv kontra l-vizzju tal-logħob.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li hemm bżonn li ssir road hump mal-iStop Sign ta' Triq is-Sagħtar ma' Triq ir-Rignu.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa x'kien sar dwar il-proġett f'Wied il-Kbir, li sar bit-tema 'PIN'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kienet semgħet xejn aktar dwar dan il-proġett.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk kienux tqassmu t-tokens relatati mal-Kompetizzjoni tat-tpinġija fuq il-paġna *YouSafe Qormi.* Il-Kunsillier Martina Grech ikkonfermat li t-tokens ilhom xhur li tqassmu.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa x'ġara dwar is-sitwazzjoni tal-bus shelters. Is-Sindku nfurma li bħalissa hemm kawża l-Qorti għaddejja, biss qed jinżamm kuntatt mal-AKL u l-Kumpanija Faces sabiex naraw li l-bus shelters imwiegħda jiġu nstallati.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa dwar l-istima ta' dwal mitluba mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-istima għal 6 bozoz tammonta għal € 2,478.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurmat li s-servizz li qed jingħata mill-kuntrattur responsabbli mill-ġonna mhux qed ikun wieħed ta' standard għal dak li qed jitħallas għalih u għaldaqstant ipproponiet li l-kuntrattur jibda' jibgħat lill-ħaddiema tiegħu jiffirmaw l-attendenza fil-Kunsill. Dan sabiex il-Kunsill ikollu kontroll fuq dan il-kuntratt.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ġibed l-attenzjoni li l-pjanti mħawwla fil-konok tal-picnic area kollha mietu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tisqija ta dawn il-pjanti taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kuntrattur tal-ġonna. **Is-Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li jidher li la qed issir tisqija kif suppost u s-servizz mhux tajjeb, għal-fatt li l-Kunsill ilu aktar minn sena jitlob li jinżabru s-siġar li għandna fil-lokalita', liema servizz baqa' ma ngħatax.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ Default Notice lill-kuntrattur. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 22 ta' Gunju 2021.**

Konfermati, illum 22 ta' Gunju 2021.

**IFFIRMATI**

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |